*Maħruġ mill-Kummissjoni Kapitulari*

1985



VIRG. MONTI – KOPPLA BASILIKA – SANT'ELENA FIL-GLORJA.

# PROGRAMM TAL-FESTA TA'
# SANT' ELENA
## FIL-BAŻILIKA KOLLEĠĠJATA
## BIRKIRKARA

# *MESSAĠĠ TA' L-ARĊIPRIET*

Reġgħet waslet il-festa. Sa minn xħur qabel tibda tinħass l-atmosfera, u jibdew isiru tħejjijiet għaliha. Il-festa tfisser ħafna fil-ħajja tal-parroċċa. Hija ġrajja li tgħaqqadna flimkien u ġġiegħlna nħossuna verament "familja waħda".

Familja jkollha l-ġranet speċjali li fihom tingħaqad u tiċċelebra, bħal xi ġurnata għażiża, imma l-ħajja tal-familja tintiseġ matul is-sena sħiħa, jum wara l-ieħor. U jien xtaqt f'din il-ġrajja tal-festa, l-ewwelnett insellem u nirringrazzja lil dawk kollha - u huma ħafna - li matul is-sena jagħtu ħidmithom għal ġid tal-parroċċa. Kemm nies fil-parroċċa jaħdmu b'sagrifiċċju ħafna drabi moħbi għal ġid tagħna lkoll. Bħalissa qiegħda ssir il-biċċa xogħol tal-pittura: kemm flus qiegħda tiffranka l-parroċċa bix-xogħol volontarju ta' tant ħaddiema. Meta nidħol il-knisja, u jum wara l-ieħor, ġimgħa wara l-oħra, tara n-nisa jnaddfu l-knisja; il-ħajjata iħejtu, ma tistax ma tapprezzax ix-xogħol tagħhom u tirringrazzja lil Alla ta' tant ġenerożità. U ma' dawn tant nies oħra li jaħdmu fil-qasam ta' l-appostolat tal-parroċċa - il-membri tal-MUSEUM u oħrajn li jgħallmu t-tfal; il-membri tal-Għaqdiet, tal-Kunsill Parrokkjali, tal-Kummissjonijiet li għandna fil-parroċċa. Għandna verament għax nirringrazzjaw lil Alla. Il-festa tfakkarna f'dan kollu għax bħalma familja fil-ġranet sbieħ tiftakar fit-tifkiriet tagħha, hekk il-familja tal-parroċċa.

Fil-jum tal-festa, mingħajr ma trid, biex ngħid hekk, tqalleb l-album tar-ritratti tal-parroċċa li huma aħna, aħna lkoll, li naħdmu għall-ġid tal-komunità parrokkjali. Fil-festa nifirħu flimkien fil-qima lejn il-patruna tal-parroċċa tagħna. Nifirħu flimkien fil-għaqda ta' bejnietna. U aħna lkoll irridu naħdmu biex il-festa tagħna tkun hekk tabilħaqq. Ilkoll irridu nagħtu sehemna biex inħossuna magħqudin bejnietna, biex ma' nfittxux dak li jifridna imma dak li jgħaqqadna. Ilkoll irridu nagħtu sehemna biex il-ferħ fil-festa tagħna jkun ferħ ġenwin u sinċier. Il-ferħ tagħna jkun hekk meta aħna nagħtu l-ewwel importanza fil-festa lil dak li hu l-iktar importanti. U l-iktar importanti fil-festa hija t-tifsira spiritwali tagħha. Il-festa, jekk niċċelebrawha bis-serjeta', għandha tressaqna iżjed lejn Alla. Hemm inkunu ilħaqna l-milja tat-tifsira tal-festa. Dan hu l-qofol.

Jekk nagħmlu dan, allura fil-festa ma jkun hemm xejn li joffendi 'l Alla u l-unur ta' pajjiżna. Jekk nagħmlu dan, il-parroċċa tagħna tkun ta' eżempju għall-oħrajn u lkoll għandna għax inkunu kburin biha.

Nixtieq nirringrazzja bil-qalb f'isem il-komunità lil dawk kollha li matul is-sena u f'dawn il-ġranet jagħtu sehemhom għas-suċċess tal-festa. Lil kulħadd nagħmel appell mill-qalb: Ejjew nagħmlu festa sabiħa, mingħajr piki u nkwiet. Ejjew nifirħu lkoll flimkien magħqudin fit-tislima tagħna lill-patruna tagħna. Il-festa t-tajba lil kulħadd.

**L-Arċipriet.**

# PROGRAMM TAL-FESTA

**Is-Sibt, 10 ta' Awissu**
6.30 p.m. Quddiesa għall-ħaddiema kollha tal-knisja rġiel, nisa, xebbiet u tan-nar.

**Il-Ħadd, 11 ta' Awissu**
6.30 p.m. Quddiesa solenni tan-Novell Saċerdot Ray. Bugeja, M.S.S.P.

**It-Tnejn, 12 ta' Awissu**
5.00 p.m. Laqgħa kbira għat-tfal subien u bniet bi tħejjija għall-festa, u quddiem mis-Sac. Novell Emmanuel Parnis, M.S.S.P.
7.00 p.m. Quddiesa konċelebrata bil-mużika, mmexxija mir-Rev. Kan. Emmanuel Grech. Wara hruġ tal Istatwa min niċċa sal bieb, fejn il Banda Duke of Connaught issellem lill Patruna tagħna bid daqq tal Innu tagħha. Wara jitkompla l-marċ.

**It-Tlieta, 13 ta' Awissu.**
6.30 p.m. Quddiesa bil-mużika minn Fr. Alfred Agius, S. J., Rettur tal-Kulleġġ S. Alwiġi.
7.30 p.m. Il-Banda S. Nikola tas-Siġġiewi tagħmel marċ minn Main Str., Has Sajjied, John Borg Str., Brared Str., St. Helen Square.

**L-Erbgħa, 14 t'Awissu. I Tridu.**
5.30 p.m. Quddiesa letta.
6.30 p.m. Quddiesa konċelebrata bil-mużika, mir-Rev. Kan. Penit. Giuseppe Debono, B.A., D.D. u priedka mir-Rev. P. Pawl Cremona O. Carm. Wara Innu, Antifona u Ċelebrazjoni Ewkaristika.
7.30 p.m. Il-Banda La Vittoria tal-Mellieħa tagħmel marċ minn St. Julian Str., St. Roque Str., Msida Str., Main Str., St. Helen Sqr.

**Il-Ħamis 15 t'Awissu. II Tridu.**
6.30 p.m. quddiesa konċelebrata, u Għasar mmexxija mir-Rev. Kan. Vincenzo Buhagiar - Priedka, Innu, Antifona u Ċelebrazjoni Ewkaristika.

**Il-Ġimgħa, 16 t'Awissu. III Tridu. Jum il-Morda.**
4.30 p.m. Trasport tal-morda. 5.oo p.m. Quddiesa speċjali quddiem l-Istatwa ta' Sant' Elena mir-Rev. Arċipriet D. Gius. Mifsud Bonnici u Benedizzjoni Sagramentali.
6.30 p.m. Quddiesa konċelebrata u Għasar bil-mużika, mmexija mir-Rev. Kan. Tez. Antonio Mallia, F.A., Lic.D.



# TA' SANT'ELENA 1985

**Is-Sibt, 17 t'Awissu. Lejliet il-Festa.**
7.45 a.m. Kant tal-Martirologju. 8.00 a.m. quddiesa bil-mużika tat-Te Deum. 9.00 a.m. Duke of Connaught Own Band tagħmel marċ mat-Toroq Prinċipali ta' B'Kara.
4.00, 5.00 u 6.00 p.m. Quddies lett.
7.00 p.m. Translazzjoni solenni tar-Relikwija ta' S. Elena Imp. Awg. - I Vespri Prepositali u Ċelebrazzjoni Ewkaristika.
8.00 p.m. Duke of Connaught tagħmel marċ minn Main Str. għal St. Helen Square, fejn iddoqq programm u Innu ta' Sant' Elena.
10.00 p.m. Hruq ta' murtali tal-kulur u kaxxa nfernali mill-Aħwa Briffa u miġbura minn Ant. Aquilina, Joe Calleja u C. Azzopardi.
Wara logħob tan-nar mill-istess kumpanija.

**Hadd, 18 t'Awissu - JUM IL-FESTA.**
5.00 u 6.00 a.m. Quddies lett.
6.45 Konċelebrazjoni.
7.30 a.m. Lawdi Prepositali.
8.00 a.m. Proċessjoni solenni bl-Istatwa ta' Sant' Elena akkumpanjata minn marċi reliġjużi tal-Banda S. Elena Immedjatament wara, quddiesa Prepositali mill-Illmu. u Revmu. Mons. I. Sciberras Psaila J.U.D.; S.M.O.M.; Prel. Dom u Bibl. Onor. tal-Lateran. Paniġirku mir-Rev. Fr. Lawrence Sciberras S.Th.L; S.S.L.; M.A. (Rome).
6.00 p.m. Quddiesa letta.
7.00 p.m. Il-Vespri bil-mużika. Wara, ir-Revmu Kapitolu jakkompanja lill-E.T. Rev. Mons Gius-Curialis sal Basilika. Reposizzjoni tar-Relikwija u Ċeleb. Ewkaristika.
7.00 p.m. Il-Banda Ċittadina La Vallette u St. Helena Own Band jagħmlu marċ minn Valley Road għal St. Helen Sqr. fejn il-Banda S. Elena iddoqq programm mużikali.
10.00 p.m. Hruq ta' murtali tal-kulur u kaxxa nfernali minn St. Helen Fire Works. Wara logħob tan-nar mid-Dilettanti Balzanin, miġbur minn Paul Micallef.

*N.B. Il-Mużika kollha tkun immexxija mill-Maestro di Cappella, Fr. Albert Borg, O.E.S.A.*

*Is-St. Helen Fire Works jisparaw murtali u murtaletti waqt il-funzjonijiet kollha tal-Festa.*